# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43

It-Tlieta 8 ta' Frar 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

43.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun ftit tard għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

43.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 42 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

43.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

43.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

43.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li tressaq suġġeriment minn sajjied fix-Xlendi sabiex il-moll ta' ħdejn it-taraġ li jagħti għal Għar ta' Karolina, issirlu tarġa minħabba li qed tkun diffiċli biex jaċċessaw l-opra tal-baħar tagħhom peress li l-livell tal-ilma tbaxxa f'dik iż-żona. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

43.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li aktar tard dan ix-xahar ser issir laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija tal-Community Police dwar l-operat ta' dan is-servizz.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

43.4 **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

43.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis staqsiet dwar il-bozoz tat-toroq li huma rrapurtati u għadhom ma tranġawx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li tnejn minnhom għaddew lil Enemalta PLC minħabba li l-ħsara hi min-naħħa tagħhom, filwaqt li rigward it-tnejn oħra, l-kuntrattur qed jistenna li tasal il-kunsenja tal-bozoz.

43.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard infurmat lill-membri li qed jaslulha diversi lmenti dwar il-ġbir tal-iskart fi Triq San Pawl fil-Munxar li mhux qed jinġabru kollha u talbet lill-Kunsill sabiex jiġbed l-attenzjoni lill-kollettur.

43.4.3 Il-Kunsilliera Juliet Attard ressqet suġġeriment minn sid ta' għalqa fi Triq ix-Xlendi sabiex jinfetaħ aċċess fil-ħajt tas-sejjieħ ta' din it-triq, kif ukoll ġibdet l-attenzjoni li xi ħaddiema tal-Indafa Pubblika tefgħu xi materjal waqt il-knis ta' din it-triq f'din l-għalqa u talbet sabiex il-Kunsill iressaq l-ilment lil dawk responsabbli biex dan il-materjal jinġabar. Kien hemm qbil mill-membri.

43.4.4 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar passaġġ fi Triq Marziena jekk hux pubbliku jew privat u talab lill-Kunsill sabiex jekk dan il-passaġġ huwa pubbliku issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex fis-sistema tagħhom biex jitranġa l-wiċċ tal-passaġġ bil-konkos. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

43.5 **Proġett Pjazza tal-Knisja;**

43.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza miexi u fil-jiem li ġejjin mistenni li tingħata l-bażi tal-konkos u jibda jitpoġġa ċ-ċangaturi.

43.6 **Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;**

43.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li dan il-proġett miexi wkoll filwaqt li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mill-awtorita' ta' ġestjoni dwar trasferiment ta' fondi biex il-Kunsill ikompli jipproċessa l-pagamenti.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

43.7 **Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:**
*MXR/01/2022 - Tender for the provision of architectual and engineering consultancy services in relation to projects undertaken by Il-Munxar Local Council.*
*MXR/02/2022 – Tender for the supply and delivery of planters.*
*MXR/03/2022 – Paving works at Triq Dun Spir Gauci c/w Triq Żgħawri, Il-Munxar.*

43.7.1 Is-Sindku informa lill-membri li ltaqa' l-bord tal-evalwazzjoni ta' dawn is-sejħiet għall-offerti u ġew mitluba xi kjarifikazzjonijiet għas-sottomissjonijiet tagħhom. Ir-rapport tal-bord mistenni jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

43.8 **Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

43.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar is-servizzi offruti mid-Dar 'Kenn Għal Saħħtek' biex jiġu estiżi u offruti mill-bereġ tal-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm interess mill-membri li dawn is-servizzi jiġu offruti mill-Kunsill ukoll.

43.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar l-attivitajiet tal-Għid 2022 f'Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.3 Ċirkulari DLG 2/2022 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.4 Ċirkulari Nru AKL 2022/011 – Regionalised Waste Management Consultation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.5 Ċirkulari Nru AKL 2022/012 – L&M - Leading Change – Training Session - 25/01/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.6 Ċirkulari Nru AKL 2022/013 – First Aid & AED Courses. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

43.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2022/014 – Fire Warden Training. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2022/015 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-'Earth Hour' 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.9 Ċirkulari Nru AKL 2022/016 – Urban Greening Scheme 2022 – Information Session Presentation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/017 – Caritas Malta Epilepsy Association. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2022/018 – EAFRD Miżura 4.3. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/019 – Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/021 – Download our Equalcity toolboxes. Il-Kunsill innota l-kontenut.

43.8.14 Ilment 04/2022
Resident jitlob sabiex jerġgħu jinżebgħu d-double yellow lines fi Triq Ranċiż k/m Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi u jersqu 'il ġewwa qrib il-bini l-ġdid. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

43.8.15 Ilment 05/2022
Jissuġġerixxi sabiex jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ f'passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada. Kien hemm qbil mill-membri wara li ssir verifika li l-passaġġ huwa pubbliku.

43.8.16 Ilment 06/2022
Jitlob sabiex isiru double yellow lines faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq Żgħawri fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

43.8.17 Ilment 07/2022
Jitlob sabiex issir crash barrier jew bolloards fil-kantuniera ta' Triq Dun Spir Gauci minħabba li l-bus stop li kienet qed isservi ta'

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

lqugħ għall-ħajt issa tressqet lil hinn mill-kantuniera. Kien hemm qbil mill-membri li tintbagħat it-talba lil Transport Malta.

43.8.18 Ilment 08/2022
Jitlob sabiex jerġa' jinżebgħu d-double yellow lines bl-iswed li kienu saru temporanjament fi Triq il-Puniċi sakemm sar xogħol ta' kostruzzjoni fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

43.8.19 Ilment 09/2022
Jitlob sabiex issir mera tat-traffiku faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri li tintbagħat it-talba lil Transport Malta għal żewġ entraturi tal-garaxxijiet f'dik it-triq .

**43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

43.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 43/2022-8 għall-perjodu bejn il-21 ta' Jannar 2022 u t-8 ta' Frar 2022 li tammonta għal €50,244.50 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**43.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

43.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 17 ta' Marzu 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 17 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR